MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2001

Rikors Numru. 141/1995/1

Rikors Nru:- 141B/95 DM

John Calleja f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh imsiefer Antonio Calleja, Carmela mart Carmelo Pace, Calcedonio, Josephine mart Edward Azzopardi, Michele, Maria mart Antonio Formosa, Grace mart Carmel Micallef , u Emanuela sive Nellie ahwa Calleja, u l-imsemmija Carmelo Pace, Edward Azzopardi, Antonio Formosa, Carmel Micallef bhala amministraturi tal-beni parafernali tar-rispettivi nisa taghhom u ghal kull interess li jista' jkollhom u Caternina armla ta' Salvatore Calleja

Vs

David Mifsud

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn ir-rikorrenti, wara li ppremettew:

1 Illi huma jikru lill-intimat l-appartament numru sitta (6) fi blokk li jgib l-isem “St Joseph”, f’Naxxar Road, Balzan, bil-kera ta’ mija u erbghin lira fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss taghlaq fit-13 t’Ottubru 1995;

2 Illi l-intimat naqas li jhallas il-kera puntwalment fi zmien hmistax il-jum minn meta ntalab il-hlas permezz ta’ zewg ittri datati 4 ta’ Marzu 1994 u 22 t’April 1994;

TALBU li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-appartament fuq imsemmi numru sitta (6) fi blokk li jgib l-isem “St Joseph”, f’Naxxar Road, Balzan b’effett mit-13 t’Ottubru 1995.

Ra r-risposta ta’ David Mifsud fejn eccepixxa:

1 Illi l-fond de quo kien inghata lilu mill-Housing Department u r-rikorrenti qatt ma kellhom pjacir bihom;
2 Illi l-intimat dejjem hallas il-kera puntwalment kif jista’ juri bl-ircevuti;
3 Illi r-rikorrenti qeghdin jgibu skuza sabiex ikeccu lill-intimat, lil martu u lit-tlett uliedhom barra minghajr ma r-rikorrenti ghandhom jedd jaghmlu dan fil-ligi;
4 Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrihom;

Semgha x-xhieda prodotti;

Ra d-dokumenti esibiti;

Ra l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidra;

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti jirrizulta ampjament illi saru iktar minn zewg interpellazzjonijiet bil-miktub lill-intimat ghall-hals ta’ iktar minn zewg skadenzi tal-kera li ghalqu mit-13 t’Ottubru 1993.

Min-naha tieghu, l-intimat ma jikkontestax dak li qed jallegaw is-sidien izda illimita ruhhu li disassocja ruhhu mill-kwistjoni u jsosstni li hija martu li “tiehu hsieb”.

Mid-deposizzjoni ta’ Rita Mifsud, mart l-intimat, jirrizulta li, ghalkemm tammetti li l-kera ma kinetx tithallas fil-hin, isosstni li din ma thallsetx ghaliex is-sidien ma accettawhiex. Izda din l-allegazzjoni, fin-nuqqas ta’ prova ta’ depositu tal-kera favur is-sidien fi zmien utili, ma tikkostitwix prova sufficjenti biex tirribatti l-allegazzjoni tas-sidien li hija l-unika wahda verosimili.

Izda l-istess Rita Mifsud, allegat ukoll li l-fond in kwistjoni huwa kolpit b’Ordni ta’ Rekwizzjoni Numru 47779 tat-30 ta’ Gunju 1988 esibita a fol. 40 tal-process.

Billi l-ezistenza ta’ Ordni ta’ Rekwizzjoni valida tista’ tqajjem diffikolta dwar il-gurisdizzjoni ta’ dan il-Bord, jinkombi fuq l-intimat li jipprova li dik l-Ordni kienet fil-fatt ghadha fis-sehh meta gie pprezentat ir-rikors u li ghada fis-sehh sal-lum.

Billi l-Ordni ta’ Rekwizzjoni hija bil-fors mahruga taht il-provvediment tal-Att Dwar id-Djar, Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta’ Malta, u billi r-rikorrenti jippretendu li din il-ligi m’ghadiex fis-sehh, ghandhu jigi rilevat is-segwenti.

Ghalkemm, kif sewwa stqarr ir-rapprezentant tal-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati, l-ahhar rizoluzzjoni mghoddija mill-Parlament dwar l-estensjoni bi tlett snin tal-Att dwar id-Djar, Kap 125, kienet dik kompriza fl-Att XXIII tal-1992, bl-Att numru III tal-1995, l-Att principali gie estiz “indefinitivament sakemm ma jigix imhassar bi jew skond Att tal-Parlament”

Inoltre l-Artikolu 21 tal-Kap 125 (kif emendat bl-istess Att III tal-1995) jipprovdi li ghalkemm ma tistghax tinhareg rekwizizzjoni ohra, “id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att…… ghandhom jibqu jghoddu ghal kull bini fil-pussess tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali fit-28 ta’ Frar 1995.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi prova li tindika li r-rekwizizzjoni Nru. 47779 kienet giet imnehhija, jirrizulta li hija kienet ghadha valida fit-28 ta' Frar 1995 u, fin-nuqqas ta' xi prova li l-pussess setgha ghaddha ghand xi ghadd oltre d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, il-bini in kwistjoni ghandhu jitqies li ghadhu fil-pussess tad-Direttur u ghadhu kolpit bl-imsemmija rekwizizzjoni.

Ghalhekk sakemm tibqa ssehh ir-Rekwizizzjoni accennata, il-pussess tal-fond jibqa dejjem tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u l-Bord huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni ta' talbiet diretti kontra l-okkupant ghar-ripresa tal-pussess tal-fond mis-sid.

Ghaldaqstant jirrespingi t-talba tar-rikorrenti;

Bl-ispejjes kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------